19 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Debono et. *versus* Giuseppa Borg et.

**Testment — Legat — Kondizzjoni — "Modus".**

*Hemm differenza markata bejn il-kawża finali u determinanti, jew biss il-kawża impellenti ta' dispożizzjoni testamentarja, jew is-sempliċi dimostrazzjoni tal-ħaġa li tkun tifforma l-oġġett tad-dispożizzjoni, u kondizzjoni vera u proprja.*

*Il-kelma "kondizzjoni" f'dispożizzjoni ta' l-aħħar volontà ma tikkwalifikax assolutament id-dispożizzjoni bħala neċessarjament kondizzjonali; u l-kondizzjonijiet jiġu konfużi mal-kariġi u pneri li t-testaturi jimponu. B'mod li t-terminu "kondizzjoni" jkun ħafna drabi ekwivoku; u għalhekk, biex tista' tiġi stabbilita n-natura ġuridika tad-dispożizzjoni li tkun in diskussjoni, ikun hemm bżonn li tiġi eżaminata d-dispożizzjoni fis-sustanza tagħha. U f'każ ta' dubju, għandu jiġi riżolut favur il-"modus" anzikkè favur il-kondizzjoni.*

*Fil-każ preżenti si trattava ta' legat imħolli bil-kondizzjoni li l-legatarji kellhom jassistu u jservu lit-testatriċi mill-aħjar li jistgħu; u ġie deċiż illi dik id-dispożizzjoni ma kienetx kondizzjonali, imma modali.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi talbu li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-imsemmija Francesca Borg, fit-testment tagħha riċevut minn Nutar Emmanuele Agius fit-3 ta' Awissu 1945 (dok. A), istitwiet bħala eredi kwantu għan-nofs l-assi tagħha lill-atturi, u ħalliet bħala legati (a) lill-konvenuta Giuseppa Borg, neputija tagħha "ex patre Gerolamo Debono", is-somma ta' £100, u (b) lill-konvenuta Maria Bezzina, ne-

putija tagħha minn oħtha Paola bozza bi statwa ta' San Ġuzepp u Santa Rita li hemm ġo fiha, u l-mezzanin li qiegħed Birkirkara, Vicolo Moħħ, numru 7; u billi fl-art. 7 tat-testment it-testatriċi, bħala kondizzjoni għall-effettwazzjoni u pagament ta' dawn il-legati, imponiet li l-legatarji kollha jassistuha u jservuha mill-aħjar li jistgħu; billi fil-fatt il-konvenuti ma ottemperawx għall-kondizzjoni fuq riferita, u għalhekk huma ddekadew mid-drittijiet li jikkonsegwixxu l-imsemmijin legati; il-konvenuti jkunu dikjarati dekaduti middritt li jikkonsegwixxu l-legati rispettivi fuq imsemmija, billi huma ma assistewx u ma servewx lit-testatriċi fil-mod lilhom ordnat fl-imsemmi testment; u fil-każ li huma rrendew littestatriċi xi serviġi, il-konsegwiment tal-legati rispettivi jiġi limitat għall-entità tas-serviġi li huma jkunu talvolta pprestaw lid-decujus, fil-miżura ta' l-ammonti li jiġu likwidati minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar 1950, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Mill-atti jiet tal-kawża u provi jidher li l-kontestazzjoni li giet deferita għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti tirraġġira ruħha dwar id-dekadenza taż-żewġ legati magħmula mid-decujus Francesca Borg, li mietet f'Mejju 1948, rispettivament favur il-konvenuti Giuseppa Borg u Maria Bezzina, żewġ neputijiet tagħha, *fit-testment tagħha magħmul minn* Nutar Emmanuele Agius fit-3 ta' Awissu 1945, fl-artikoli 3 u 5 ta' dawk laħħar tavoli testamentarji;

Billi l-laxxiti fuq imsemmija jinsabu mniżżlin b'dawn il-kliem, u ċjoè :—

Tielet Artikolu : — "B'titolu ta' legat it-testatriċi qiegħda tħalli s-somma ta' £100 għal darba waħda biss lil Giuseppa armla minn Gio Maria Borg, neputija tagħha "ex patre Gerolamo Debono";

Hames Artikolu : — "Lil Maria mart Francesco Bezzina, neputija tagħha minn oħtha Paola, it-testatriċi qiegħda tħalli (a) dik il-bozza bi statwa ta' San Ġużepp u Santa Rita li hemm fiha, u (b) l-mezzanin li qiegħed Birkirkara, Vicolo Moħħ, numru sebgħa";

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li għamlet dawn il-laxxiti fuq imsemmija u oħrajn li ma humiex imdaħħla fil-kawża, l-istess testatriċi fl-art. 7 ta' l-istess testment iddisponiet :— "Bħala kondizzjoni għall-effettwazzjoni u pagament ta' dawn il-legati t-testatriċi fl-art. 7 ta' l-istess testment iddisponiet :— "Bħala kondizzjoni għall-effettwazzjoni u pagament ta' dawn il-legati t-testatriċi timponi li l-legatarji kollha jassistu u jservu lit-testatriċi mill-aħjar li jistgħu" ;

Illi wara li għedna dan li ntqal fuq, jingħad li l-atturi jgħidu li, "billi fil-fatt il-konvenuti ma ottemperawx ruħhom għall-kondizzjoni fuq riferita, u għalhekk huma ddekadew mid-dritt tagħhom li jikkonsegwixxu l-imsemmija legati", talbu li tiġi dikjarata dik id-dekadenza, u alternativament u subordinatament iddomandaw li, f'każ li huma rrendew lit-testatriċi xi serviġi, l-istess legati jiġu ċirkoskritti għall-entità tas-serviġi, li għandhom jiġu likwidati limitatament għal dawk l-istess serviġi ;

Ikkunsidrat ;

Illi minn dana jitnissel li l-atturi jirritjenu li fil-fatt il-konvenuti, għalkemm setgħu għamlu u taw xi serviġi lid-decujus, eppure huma ma assistewx u ma servewx lid-decujus bil-mod lilhom ordnat, u ċjoè fil-miżura ordnata — u għalhekk l-aħħar pretensjoni hija ordnata mit-talba alternativa ;

Illi jekk huwa inkontrastat li huwa minnu li l-bażi tal-kawża apposta fl-att taċ-ċitazzjoni mill-atturi hija purament u sempliċement "quaestio facti" li titnissel mill-provi msemmija, in-natura ta' dik li l-atturi jsejħu kondizzjoni tal-legat hija kwistjoni aktar komplessa ta' indaġini tal-volontà tad-decujus ;

Illi qabel ma dina l-Qorti tinoltra ruħha sabiex tiddeċidi l-kwistjoni sollevata, tħoss li għandha tippremetti li dak li ġie deċiż minnha fil-kawża l-oħra fl-ismijiet "Maria Debono vs. Carmelo Debono ne." fil-5 ta' Ottubru 1949 fil-konfront ta' dina l-attriċi ma jippreżentax l-istess u identiku problema legali li għandu jiġi riżolut fil-kawża tal-lum. Tabilħaqq, f'dik il-kawża l-attriċi, li kienet ukoll legatarja u eredi partikulari tad-decujus, ippretendiet, oltre l-legati dikjarati mħollija lilha mill-istess decujus, ir-rimunerazzjoni tas-serviġi li għamlet u li kellha tkompli tagħmel lilha, hija riedet, bħala li kien jidh-

r'lha li hekk ħaqqha, tieħu aktar mil-laxxiti li t-testatriċi kienet għamlitilha, liema atteġġjament u pretensjonijiet kienu jimpurtaw legalment u virtwalment supplement tal-kumpens, b'mod li tabilfors din il-Qorti kellha tidħol fil-kwistjoni tal-konsistenza tas-serviġi u tal-konsegwenzjali valutazzjoni tagħhom. Fil-verità, id-decujus bl-laxxiti li ħalliet lil dik l-attriċi, uriet li kienet taħseb li l-istess gratifikata kienet sejra tkun soddisfatta, mentri f'dik il-kawża rriżulta l-ħsieb tagħha aċċertat bla ombra ta' dubju li tiggratifika lil dik l-attriċi b'dawk il-laxxiti, li rriżulta li ma kienux adegwati, b'mod li dina l-Qorti ma għamletx ħag'oħra ħlief li mmiżurat il-piż ta' l-attriċi b'ex tara jekk l-istess kienx ħaqqha aktar kumpens minn dak li liberament id-decujus ikkommensuratu bil-laxxitu, li setgħet ma għamletx, sabiex tara kienx hemm lok għal kumpens akbar, li setgħet tieħu biss bħala supplement. Fil-każ odjern, però, għalkemm in-natura tal-legati hija identika għal dik dikjarata fil-kawża l-oħra, eppure l-kwistjoni proposta għal l-eżami tal-Qorti hija ben diversa, u ċjoè hija ċirkoskritta għall-indaġini jekk iż-żewġ gratifikati odjerni, li mhumiex qegħdin jitolbu ebda supplement, għalkemm għamlu xi serviġi lid-decujus, għandhomx jiġu dikjarati dekaduti mil-laxxiti partikulari lilhom imħollija, inkwantokkè ġie allegat li huma ma tawx serviġi fil-miżura li kellhom jagħtuhom u subordinatament li tiġi determinata l-konsistenza tas-serviġi li taw u fissata korrispondentement ir-rata ta' retribuzzjoni tal-kumpens meħtieġa;

Illi in konsegwenza, fil-kawża odjerna l-kwistjoni sollevata trid tiġi avviċinata għas-soluzzjoni tagħha minn "punto di vista" ben divers, fis-sens ta' eżami, jew aħjar penetrazzjoni, ta' l-intenzjoni tad-decujus, mill-kliem minnha wżat fl-artikolu 7 ta' l-aħħar tavoli testamentarji tagħha, meta ddettat li għall-effettwazzjoni u pagament tal-legati fuq imħollija minnha hija kienet qiegħda bħala kondizzjoni timponi "li l-legatarji kollha jassistu u jservu lit-testatriċi mill-aħjar li jistgħu" — liema kliem ċertament u indubbjament ma jistgħux jimpurtaw miżura determinata u, biex ngħidu hekk, numerata u peżata, kif ukoll miċ-ċirkustanzi l-oħra kollha;

Illi ma għandux jiġi minsi li, bħall-istituzzjoni ta' l-eredi, dik tal-legati għandha fundament fil-karattru tal-liberalità, li

Ikkunsidrat;

jkollhom ordinarjament id-dispożizzjonijiet testamentarji kollha, għalkemm jingħad li mhumiex essenzjalment u neċessarjament tali;

Illi wara li ġie premess dan li fuq intqal, dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina u xxolji l-kwistjoni sollevata mill-attur dwar in-natura ġuridika tad-dispożizzjoni "de quo agitur", fis-sens jekk il-kliem ta' l-art. 7 tat-testment ta' l-attriċi jikkostitwix "conditio" jew "modus", bil-konsegwenzi legali li minnhom rispettivament jitnisslu;

Illi qabel xejn jingħad li jekk jiġu eżaminati d-dispożizzjonijiet testamentari tad-decujus, imdaħħla taħt it-tielet, irraba', il-ħames u s-sitt artikoli, jista' jiġi osservat li fl-intenzjoni tat-testatriċi l-legati hemm imħollija ġew hekk dettati :— (1) Bi ħsieb ta', biex ngħidulha hekk, gradwazzjoni jew miżurazzjoni u valutazzjoni differenti; (2) imqiegħed fil-ġenb illegat taħt l-artikolu 6, fejn jidher ċar li l-istess kien ġie mħolli għal kumpens ta' serviġi ġa allura reżi, il-legati l-oħra dwarhom ma saret ebda espressjoni la tal-motiv u lanqas tal-kawżali; imma jekk, kif nafu mill-provi u mid-deċiżjoni ta' dina l-Qorti dwar il-legat kontenut fl-artikolu 4. fil-konfronti tal-gratifikata Maria Dolores Debono, li d-decujus riedet tiggratifika lil-legatarja hawn l-aħħar imsemmija, tant bħala neputija kemm bħala li hija kienet ilha sservih għal ħafna żmien, donnu bi probabilità kbira (u l-probabilità hija, a differenza tal-possibilità, mezz ta' konvinċiment morali) li jista' jingħad l-istess ħaġa dwar il-legati mħollija liż-żewġ konvenuti. Del resto, mill-provi jidher li ż-żewġ konvenuti, qabel il-mewt tad-decujus, ma rrendewx fl-istess miżura u estensjoni serviġi kif irrendiethom Maria Dolores Debono — ħaġa li jiġġustifika l-entità tad-diversi legati; eppure, miżbura d-dispożizzjonijiet mismugħa mill-passjonijiet umani, juru biċ-ċar kemm id-decujus kellha konsiderazzjoni għal l-istess żewġ konvenuti għal dak li kienu għamlu magħha, sew personalment sew per mezz ta' wliedhom;

Illi minn dan jiddixxendi li ż-żewġ konvenuti kienu għamlu xi serviġi lid-decujus qabel ma għamlet it-testment, u skond l-artikolu 7 fuq l-istess testment kellhom neċessarjament, wara

dawk it-tavoli testamentarji, ikomplu jassistuha u jservuha "mill-aħjar li jistgħu";

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali jingħad li hemm differenza markata bejn il-kawża finali u determinanti, jew biss il-kawża impellenti ta' dispożizzjoni testamentarja, jew is-sempliċi dimostrazzjoni tal-ħaġa li tkun tifforma l-oġġett tad-dispożizzjoni, "u" kondizzjoni vera u proprja;

Illi l-kelma "kondizzjoni" adoperata f'dispożizzjoni ta' l-aħħar volontà ma tikkwalifikax "per sè" assolutament dispożizzjoni bħala neċessarjament kondizzjonali. Tabilħaqq, il-kondizzjonijiet jiġu konfużi mal-kariġi jew oneri li t-testaturi jimponu, b'mod li t-terminu "kondizzjoni" ikun ħafna drabi ekwivoku;

Illi skond l-Fierli, fl-opra "Doctorum Theoricae", fejn jikkommenta t-teorija ta' l-Aretino in Leg. Titia, 134 ff. "de verborum significatione", hemm maħsub li:— "Ad dignoscendum vero, an modus vel conditio adposita fuerit inspici debet substantia dispositionis, non cortex et structura verborum; et in dubio verba potius ad modum quam ad conditionem referenda sunt". B'mod li, biex ikun jista' jiġi stabbilit x'natura ġuridika għandha d-dispożizzjoni li tkun in diskussjoni, irid li jkun hemm (1) eżami tad-dispożizzjoni fis-sustanza tagħha, u mhux superfiċjalment, fis-sens li "in conditionibus testamentorum potius voluntas quam verba considerari debet" — għal liema eżami tista' tgħin l-istruttura tal-kliem użati u ċ-ċirkustanzi "di fatto" li jkunu taw lok għall-każ; (2) jekk ikun hemm bżonn, wara dan l-eżami għandhom jiġu wżati l-massimi tad-Dritt Ruman u l-opinjonijiet tad-dottrina "in subjecta materia", li fin-nuqqas ta' ċirkustanzi "di fatto" jistgħu jservu sabiex jagħtu dawl lit-tribunal; u (3) fil-każ li bl-ajjut tar-regoli legali ma jkunx possibili li wieħed jasal għal xi deċiżjoni minħabba d-dubju, dak l-istess dubju għandu jiġi riżolut favur il-"modus" anzikkè l-kondizzjoni;

Illi, kif hija rikonoxxuta mill-ġurekonsulti kollha, id-distinzjoni bejn "conditio" u "modus" hija ta' importanza kbira. Tabilħaqq, mentri l-kondizzjoni hija l-każ ta' avveniment futur u inċert li minnu tiddependi s-sussistenza ta' att jew dritt, il-"modus", skond id-Dritt Ruman, huwa l-fini jew skop as-

senjat lil-legat mit-testatur (ara l-vuċi "modus" fil-"Magnum Lexicon Juridicum" tal-Calvino). "Quod si cui in hoc legatum est", ighid Gajus, "ut ex eo aliquid faceret, sub modo legatum videtur" (L. 17 § 4 Digesto De Condit. et demonstrat.), meta jikkontempla l-każ ta' legat ta' somma ta' flus lil xi persuna benefiċjata, jew xi legatarju, sabiex dik il-persuna tagħti jew tagħmel xi ħaġa. Huwa minnu li l-laġa legata "sub modo" ma kienetx tkun ġiet lil-legatarju ħlief meta huwa jkun adempixxa jew assikura l-volontà tat-testatur (ara L. 40 § 5 Digest l-istess titolu ta' qabel); imma d-differenza bejn il-"modus" u l-"conditio" tirrisjedi fil-fatt preċipwu li fil-"modus" ma jiġix sospiż l-effett tal-legat kif jiġri dwar il-kondizzjoni, li tissospendi l-eżistenza u l-eżekuzzjoni tal-konvenzjoni jew dispożizzjoni. Fi kliem ieħor, il-"modus" hija aġġunta lil xi dispożizzjoni testamentarja li tkun timporta, di fronti għall-partijiet jew għal xi waħda minnhom, xi obligu li jimmodifika d-dispożizzjoni, u kif jingħad, "pacta adjecta contractibus insunt, actionemque formant" (ara Vinnio, Tractatus de pactis, Cap. 9). Iżda dina l-kondizzjoni riżolutiva taċita ma għandhiex l-effett tal-kondizzjoni riżolutiva espressa;

Illi l-interpreti, sabiex jiddeterminaw jekk dispożizzjoni hijiex modali jew kondizzjonali, jiddettaw żewġ regoli ta' natura u speċi diversa, u ċjoè (1) regoli fondati fuq l-iskop li l-kontraenti jkunu wrew li kellhom f'rashom u ppropenew, jew li d-disponenti jkun wera u ppropona f'dispożizzjoni testamentarja, u (2) regoli poġġuti u bażati fuq l-espressjonijiet, diċitura u termini, li jkunu ġew impjegati minn min tkun ġiet iddettata d-dispożizzjoni;

Fl-ewwel klassifika tidħol ir-riċerka ta' l-intenzjoni, mentri fit-tieni speċi hija kwistjoni ta' eżami tal-lokuzzjonijiet adoperati. F'termini oħra, mentri l-ewwel speċi tiddependi missagaċità tal-Maġistrat, skond l-aforisma li "voluntas defuncti quaestio in aestimatione judicis est" (L. 7 Cod. de fideicom.), u kwindi tiddependi mix-xogħol tal-moħħ tiegħu, edott millesperjenza, b'mod li dwarha ma jistgħux jingħataw "a priori" regoli fissi jew normi ta' kondotta direttriċi assoluti, dwar ittieni klassifika, li hija, biex hekk ngħidulha, aktarx materjali, skartati l-eżaġerazzjonijiet tal-kliem sagramentali, fil-fatti

mill-istess interpreti u kommentaturi ġew eżaminati l-prinċipali lokuzzjonijiet li minnhom jitnisslu sew il-"modus" sew il-"conditio", skond il-każ;

Tabilħaqq, jingħad biss dwar l-ewwel speċi, li sabiex dispożizzjoni tkun tista' tingħad li hija ta' karattru modali, skond id-dottrina huwa rikjest li l-karigu jew "onus" imposti lil xi parti ma jkunux jirrigwardaw l-interess tagħha proprju (tal-persuna gravata), iżda dak tal-persuna li tkun imponiet il-karigu jew oneri, jew li jkunu jirrigwardaw l-interess ta' terza persuna (ara Sebire u Cateret, Repertorio Ragionato, Vol. II; Parte I, vuċi "Condizione", colonna 1096, paragrafu 33, u Volum V, vuċi "Modo", colonna 1211, para. 3);

Anki t-Toullier huwa ta' din l-opinjoni (ara Vol. III, pag. 488 u 489, parag. 508, Ediz. Palermo, Fratelli Pedone Lauriel 1853), li jgħid:— "Quando adunque il peso ha per iscopo l'interesse di un terzo, l'interesse di chi lo impone, o qualche considerazione estranea all'interesse di colui al quale è imposto, esso forma un modo, ovvero una causa finale e determinante; ciò che vale lo stesso in quanto all'effetto";

Dwar it-tieni speċi fuq imsemmija, l-awturi jsemmu diversi lokuzzjonijiet u kliem, u huwa impossibili u barra minn loku li jiġu kollha hawn imniżżla. L-aktar importanti huma l-partiċella fl-ilsien Taljan "se", ekwivalenti għall-konġunzjoni kondizzjonali fl-ilsien Malti "jekk" u "li" (ara Falzon, Dizionario Italiano-Inglese-Maltese, pag. 722, Ediz. Malta, Muscat 1882, u Vocabolario della Lingua Maltese di Antonio Emmanuele Caruana, Malta, Muscat 1903, paġ. 264, vuċi "jekk", u paġ. 294, colonna 2da.), "li" (partiċella esprimenti dubju, kondizzjoni), li ġie affermat li skond il-proprjetà taddiskors għandha s-sens, u dejjem tesprimi weħedha, kondizzjoni biċ-ċar u bla ebda ambigwità, sew meta tiġi espressa letteralment, sew meta tiġi enunċjata fit-termini ekwipollenti, jew ekwivalenti, "nel caso che" ("fil-każ li"), "in mancanza di" ("fin-nuqqas li"), "supposto che" ("suppost li", jew "maħsub li jista' jkun"). Mill-banda l-oħra, il-kliem "affinchè", "ita ut", "col patto di", "acciocchè" ("biex", "sabiex", "bil-kondizzjoni li", "bil-patt li", "saħansitra biex") ma jesprimux ħlief "modus" (ara wkoll P.A. Civili 30 ta' Awissu 1947, "Dolores Agius et. vs. Filippo Cachia et.";

Sebire u Cateret, opera fuq ċitata, Vol. II, Parte I, kolonni 1097, 1098 u 1099, vuċi "Condizione", fis-sens fuq affermat); u barra minn dawn, diversi espressjonijiet oħra li ma jinteressawx dina l-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi wara li ġew ampjament premessi l-prinċipji fuq affermati u dikjarati, dina l-Qorti, wara matura riflessjoni, waslet għall-konklużjoni li n-natura tad-dispożizzjoni "de quo agitur" hija modali, anzikkè kondizzjonali; għal dawna r-raġunijiet :—

1. Li d-dispożizzjoni in parola kienet biċ-ċar u bla ambigwità timponi piż fuq il-gratifikati fl-interess esklużiv tat-testatriċi li imponietu; f'liema każ id-dottrina irritenjet id-dispożizzjoni modali;

2. Li n-natura tal-kariġi u l-kliem letteralment interpretat ma jaċċennawx bl-ebda mod għal xi event futur jew inċert, kif irid ikun fil-każ ta' dispożizzjoni kondizzjonali li minnha tkun tiddependi l-istess kondizzjoni;

3. Li l-kliem "bħala kondizzjoni", in korrelazzjoni mal-kliem "mill-aħjar li jistgħu", fl-art. 7 tat-testment, jiddenotaw "modus", l-għaliex jaddattaw ruħhom għal legat purament rimuneratorju, li ma jimpedix l-akkwist da parti tal-legatarju mal-mewt tad-disponenti, li kien intiż biex jirretribwixxi lil gratifikati għas-serviġi li kienu diġà taw, barra minn għal dawk li kellhom jagħtu mill-aħjar li jistgħu; liema espressjoni, fil-ħsieb tal-Qorti, issaħħaħ il-persistenza tal-volontà tat-testatriċi dwar il-laxxitu għas-serviġi ġa prestati u noti lid-decujus, u għal dawk li riedu jiġu prestati, fis-sens tal-manteniment tal-liberalità li mill-istess decujus ġiet mogħtija b'korrispondenza varjanti u gradwali di fronti għal kull waħda mil-legatarji tagħha, li huma fl-istess ħin neputijiet, b'espressjoni liberali ħafna li mhix kontenuta fl-istess dispożizzjoni tal-legat;

4. Li l-kliem "bħala kondizzjoni" jimportaw letteralment "modus", u huwa ekwipollenti għall-kliem "bil-patt li" — liema kliem jikkostitwixxu, kif intqal, skond id-dottrina, "modus";

5. Li l-adempiment tad-dispożizzjoni "de quo" kien jiddependi interament mill-volontà tal-legatarji konvenuti; u dana l-fatt, fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet l-oħra li ġa ntqa-

lu, għandu jiġi kunsidrat "modus", skond il-massimi kostanti;

6. Li fid-dubju jekk dispożizzjoni hijiex ta' natura kondizzjonali jew modali, il-kliem użati għandhom jiġu interpretati li jkunu stabbilew "modus", anzikkè "conditio" (ara P.A. Ċivili 31 ta' Jannar 1902 in re "Professor Dr. Giovanni Caruana vs. Conte Sir Gerald Strickland ed altri", Vol. XVIII, Parte II, paġ. 106; Appell u P.A. Ċivili in re "George Cassar Desain vs. James Desain Viani", konfermati mill-Privy Council fl-14 ta' Ottubru 1947; Appell Bologna 3 ta' Awissu 1872 in re "Pietronella vs. Marsili"; u P.A. Ċivili 30 ta' Awissu 1947 "Agius vs. Cachia" fuq ċitata);

Illi kwindi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, id-dispożizzjoni "de quo agitur" għandha tittieħed, kif inhija formulata u fl-isfond taċ-ċirkustanzi tal-każ, u skond l-intenzjoni tad-decujus, bħala li hija ta' natura modali, u mhux kondizzjonali;

**Ikkunsidrat;**

Illi, stabbilit dak li ntqal fuq, dina l-Qorti sejra tgħaddi biex tara jekk il-konvenuti adempewx jew le dak l-"onus";

Illi mhux ozjuż li jiġi premess li (1) għall-obligazzjonijiet u dispożizzjonijiet modali huma wkoll applikabili r-regoli talkondizzjonijiet veri u proprji, salvi d-differenzi ben konoxxuti. Fuq m'hemmx għalfejn nitkellmu fuqhom; (2) li l-attijiet ta' l-aħħar volontà huma suxxettivi ta' interpretazzjoni aktar estiża u beninja milli għandhom jiġu interpretati l-kuntratti; (3) fid-dispożizzjonijiet modali hija ammessa largament kwalunkwe raġuni ta' skuża (ara Rota Romana, coram Olivati, 27 ta' Marzu 1767) — prinċipju ammess anki mis-sentenzi relativament moderni; salvo li ma jkunx pjenament dimostrat "dolus" jew "culpa" fil-legatarju inadempjenti, jew, skond il-każ, ma jkunx hemm il-"mora";

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji jingħad li fil-fatt iż-żewġ legatarji, b'estensjoni varjanti, baqgħu jmorru u jieħdu l-affarijiet ta' l-ikel lid-decujus anki wara t-testment sa ma mietet. Il-konvenuta Bezzina, skond il-provi, oltre li kienet iżżurha u tadopera ruħha biex taqdiha personalment u per mezz ta' bintha, baqgħet magħha tul l-aħħar granet u ljieli ta' l-agunija tagħha, u għamlet il-lejl magħha meta mietet, wara li keffnitha; mentri l-konvenuta Borg, li għandha famil-

ja kbira, ma jidherx li ma għamletx mill-aħjar li setgħet magħha. Jekk id-decujus kienet tirrifjuta li jsirulha ċerti servizi, kif qalu l-konvenuti, mhux meruti, offerti mill-konvenuti gratifikati, dana l-fatt ma jistax iwassal għall-inadempiment u konsegwenti dekadenza, meta nafu li d-dekadenzi huma sfavoriti mil-liġi. Lanqas ma jidher li ġia pruvat xi "dolus" jew "culpa" mill-parti tal-konvenuti għan-nuqqas ta' estensjoni tas-servizi, jew aħjar għas-servizi limitati li huma taw. Del resto, il-fatt li huma kellhom jagħmlulhom mill-aħjar li jistgħu kienet modalità li kienet liberali ħafna skond il-volontà tat-testatriċi minnha espressa fit-testment tagħha. Lanqas jirriżulta li l-konvenuti ġew imqegħdin "in mora" minn xi ħadd. It-testatriċi setgħet tagħmel, kieku hekk kien jidhrilha xieraq, testment ieħor; l-għaliex mid-data tat-testment sa ma mietet għaddew diversi snin, kieku ma kienetx sodisfatta mis-servizi tal-konvenuti; u jekk l-unika persuna li a favur tagħha sar l-oneri impost ma tkellmitx, huwa diffiċli kif jista' jingħad li hija ma kienetx sodisfatta b'dak li l-konvenuti kienu qegħdin jagħmlu. Anzi l-fatt li ma għadlietx għal ebda att u ma tkellmitx juri li l-intenzjoni tagħha kienet għadha persistenti dwar il-liberalità li kienet għamlet;

Illi in vista ta' dan li ntqal fuq, kwindi, ma jidherx li t-talba attriċi għandha tkun meritevoli li tkun milqugħa;

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti d-diffikultà tal-meritu tissuġġerixxi temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għall-atturi.